MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 9(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2012, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħatra ta' Bord ta' l-għażla evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti numru MXLC03/2012
6. Aġġudikar ta' sejħiet għall offerti numru MXLC01/2012 U MXLC02/2012
7. Latrini pubbliċi fil-lokalita'
8. Ħatra ta' Membri is-Sotto-Kumitat Żgħażagħ
9. Suq fil-beraħ f'Xatt is-Sajjieda
10. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 Minuti numru 9(2012) kienu tqassmu qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Is-Sur E.M. qal illi f'para 3.13 wara il-kliem 'hekk kif mitluba', għandu jiżdied il-kliem 'Pjanta biż-żoni magħżula kellha tiġi mgħoddija liż-żewġ koperativi tas-sajd għall-osservazzjonijiet tagħhom'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-bdil.

1.3 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur A.M. issekondata mis-Sur S.G. unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 **Arisings mill-Minuti**

2.1 Is-Sur S.G. qal illi xtaq jagħmel arising rigward minuta 8.1. Huwa qal illi mal-lista ta' membri approvati xtaq illi jiżdiedu is-segwenti:

| *Isem* | *Indirizz* | *I.D. Num.* | *Contact num* |
|---|---|---|---|
| Roman Gafa' | 'It-Tonn', Triq il-Wilġa, Marsaxlokk | 176068(M) | 99244425 |
| Daniel Zerafa | 'Galaxy', Triq Ċiċerun, Marsxlokk | 259386(M) | 79055728 |

Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

## 3 **Korrispondenza**

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 E-Mail datat 25 ta' Settembru 2012 mingħand is-Sinjorina Jane Simpson li permezz tiegħu il-Kunsill ġie infurmat bi zjara li kienu ser jagħmlu ġurnalisti minn pajjiżi barranin b'konnessjoni mal-proġett Marenostrum. Is-Sinjorina Simpson minbarra illi tat dettalji taż-żjara stiednet lill-Kunsill Lokali sabiex jattendi għal attivita' li kienet ser tittella' ġewwa South Port Cafe, Marsaxlokk nhar il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2012 fis-2:30p.m. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istedina kienet miftuħa għall-Kunsill Lokali kollu.

3.2 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Settembru 2012, is-Sinjura/ina Borg Marie Jeanne f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 35/2012 li kienet tittratta' skema ta' impjieg inklussiv fil-komunita'. L-iskema kienet tara numru ta' persuni b'diżabilita' li kellhom jiġu impjegati mal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux jidħol għal din l-inizjativa.

3.3 E-Mail datat 24 ta' Settembru 2012 Claire Briffa f'isem il-korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie mitlub laqgħa sabiex jiġu diskussi fost l-oħrajn street lighting u diffikultajiet li l-Kunsill Lokali jiltaqa' magħhom *vis-a-vis* l-istess korporazzjoni. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi għandhom jiġu identifikati ġurnata u ħin sabiex il-Kunsill jiltaqa' ma rappreżentanti ta' Enemalta

3.4 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2012, is-Sur Robert Grima minn MCCAA informa lill-Kunsill Lokali dwar ħlas ta' €50 li kien jinħtieġ isir sabiex l-istess MCCAA tgħaddi kopja tar-rapport MSA3500: *Public playgrounds* lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal illi dan id-dokument kien meħtieġ sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jipprepara sejħa għall-offerti rigward il-*playing field* ta' Triq il-Wilġa. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jidħol għall-ispiża msemmija.

3.5 E-Mail datat 24 ta' Settembru 2012, mingħand is-Sur Francis Grech, illi permezz tiegħu inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward ħmieġ li kien qiegħed ikun hemm fil-lokalita' kull nhar ta' Ħadd. Filwaqt li semma' numru ta' siti li fihom kien qiegħed ikun hemm il-ħmieġ is-Sur Grech talab lill-Kunsill Lokali sabiex jieħu azzjoni f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi din il-materja kienet ser tiġi diskussa aktar tard fl-istess seduta waqt il-proċess ta' aġġudikar ta' sejħa għall offerti numru MXLC01/2012.

3.6 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Settembru 2012, Charlene Bonnici minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet ħejjiet sabiex isir patching flimkien ma xogħol ta' sinjali tat-toroq fi Triq Melqart. Kien hemm diskussjoni libera li matulha intleħaq qbil illi l-Kunsill kellu jibgħat e-mail sabiex jinforma lis-Sinjura/ina

Bonnici f'isem Transport Malta dwar deċiżjoni li kienet ħadet l-istess Transport Malta illi fi Triq Melqart isir wiċċ ġdid bit-tarmac lit-triq kollha flimkien ma' bankini ġodda.

3.7 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2012 is-Sinjura/ina Carol Fenech, filwaqt li rrimarkat illi kienu saru sinjali u tabelli fiż-żona ta' l-iskola primarja talbet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar jekk waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-istudenti mill-iskola kienx ser ikun hemm gwardjani lokali pprovduti mill-Kunsill Lokali jew pulizija. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ma l-ispettura Carol Fabri kien ġie infurmat illi kemm il-darba ma jinqalgħux każi ta' emergenza, il-pulizija kienu ser ikunu preżenti waqt il-hinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-istudenti.

3.8 E-Mail datat 19 ta' Settembru 2012 mingħand is-Sur Anton Spiteri (MFEI) li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mgħoddi kopja ta' ittra li l-Ministeru msemmi kien irċieva in-konnessjoni mas-Sur Publius Cutajar, bejjiegħ fis-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd. Wara li nqrat l-ittra li permezz tagħha is-Sur Cutajar kien qiegħed jappella deċizjoni meħuda fil-konfront tiegħu mill-Kunsill Lokali ġie deċiż illi l-amministrazzjoni kellha tiġbor l-informazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat risposta sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu.

## 4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

4.1 Ma kienx hemm

## 5 Ħatra ta' Bord ta' evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti numru MXLC03/2012

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien jinħtieġ jinħatar bord ta' evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti numru MXLC03/2012 li kienet ser tagħlaq nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru 2012 f'nofsinhar. Is-Sur Carmelo Bugeja ippropona illi l-bord ikun kompost mill-Kunsilliera kollha flimkien mas-Sur Salvu Bezzina u s-Sur Angelo Baldacchino. Is-Sur Stephen Grech issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu. Is-Sur Edric Micallef ippropona illi minbarra l-membri maħtura is-Sur Charles Mizzi ukoll ikun jifforma parti mill-bord ta' evalwazzjoni għal din is-sejħa. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech u għaddiet b'mod unanimu.

## 6 Aġġudikar ta' sejħiet għall-offerti numru MXLC01/2012 U MXLC02/2012

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-bord ta' evalwazzjoni li kien irrakkomanda illi sejħa għall-offerti numru MXLC01/2012 tiġi aġġudikata lis-Sur Carmel Mifsud abbażi tal-fatt illi s-Sur Mifsud kien offra l-irħas prezz kif ukoll għall-fatt illi kien ilu joffri s-servizz mitlub għal numru ta' snin. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi huwa ma kienx qiegħed jaqbel mar-rakkomandazzjoni li kien għamel il-bord ta' evalwazzjoni. Dan għaliex fl-opinjoni tiegħu is-servizz li kien joffri s-Sur Mifsud ma kienx ta' livell soddisfaċenti. Is-Sur Angelo Micallef qal illi minkejja li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur rigward xi nuqqasijiet li kien qiegħed ikollu. A.M. qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jaġġundika t-tender lis-Sur Martin Muscat abbażi tal-fatt illi l-performance tas-Sur Mifsud ma kenitx laħħqet mal-livelli miftehma.
Is-Sindku qal illi minkejja il-fatti li kienu qiegħdin jissemmew fil-konfront tas-Sur Mifsud ma kien inħareġ ebda avviż ta' *default in performance* u għaldaqstant wieħed kellu joqgħod ferm attent f'din iċ-ċirkostanza peress illi dan kien ifisser illi l-Kunsill Lokali kien kuntent bil-ħidma tas-Sur Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali qatt ma ħarġet avviż ta' *default in performance* lis-Sur Mifsud u żied illi jekk wieħed jixtarr ir-reġistru ta' l-ilmenti li kien jirċievi l-Kunsill Lokali fil-konfront tas-Sur Mifsud matul l-aħħar xhur kien irreġistrat ilment wieħed biss. Is-Sur E.M. qal illi

għaldaqstant kemm il-darba, il-Kunsill Lokali jaġġudika is-sejħa lis-Sur Mifsud ser ikun qiegħed imur kontra r-raġunijiet loġiċi tal-fatti.

Is-Sur E.M. informa lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kellu, kien hemm Kunsilli Lokali oħra, fejn illi s-swieq fil-beraħ illi jarmaw nhar ta' Ħadd jieħu ħsieb it-tindif tagħhom il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill Lokali rispettiv ma jidħol fl-ebda spejjeż. Huwa ta' eżempju bil-Kunsill Lokali tal-Floriana. Is-Sindku żied illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, kif ukoll għall-fatt illi l-Kunsill Lokali, filwaqt li kien responsabbli mit-tindif ma' kellux seta' fuq materji oħra li kienu jikkonċernaw s-suq fil-beraħ, fosthom fuq il-ħinijiet ta' l-operat,huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali iwaqqaf il-proċess ta' aġġudikar tas-sejħa għall-offerti u permezz ta' stqarrija għall-istampa javża illi l-istess Kunsill Lokali kien ser ikun responsabbli għat-tindif taż-żona tas-suq fil-beraħ ( wara l-operat ta' l-istess suq) sa nhar il-Hadd 7 t'Ottubru 2012. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u għaddiet b'mod unanimu.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv imbagħad għadda sabiex jaqra r-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni rigward sejħa għall-offerti numru MXLC02/2012, *Cleaning and Maintenance of Parks & Gardens*. Huwa żied illi l-unika offerta li kien irċieva il-Kunsill Lokali kienet mingħand il-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd. , lieme offerta kienet legalment valida u kienet ġiet irrakkomandata mill-bord ta' evalwazzjoni abbażi tal-fatt illi filwaqt li l-prezz offrut kien wieħed ferm raġjonevoli, is-servizz li offriet l-istess kumpanija matul is-snin kien jeċċedi l-aspettativi. Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-bord u aġġudika is-sejħa lil Environmental Landscapes Consortium Ltd.

## 7 <u>Latrini Pubbliċi fil-lokalita'</u>

7.1 Is-Sindku qal illi minkejja illi l-bye-law rigward il-latrini pubbliċi fil-lokalita' kienet għadha ma daħletx fis-seħħ, flimkien ma' l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien qiegħed jevalwa l-possibilitajiet ta' kif għandha tiġi adottata l-istess bye-law. Huwa żied illi kienet teżisti l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali joħroġ sejħa għal *expression of interest* sabiex min ikun interessat iressaq propsta għal upgrading u immaniġġjar ta' l-istess latrini pubbliċi ( għal perjodu prestabilit li seta' ivarja bejn 10 u 15 il-sena). B'hekk filwaqt li jiżgura illi l-livell tal-latrini pubbliċi ikun aħjar minn dak preżenti, il-Kunsill Lokali ma jkun daħal fl-ebda spiża. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali għandu jkompli jaħdem fuq din il-materja sabiex hekk kif tinkiseb l-approvazzjoni tal-bye-laws ikun jista' jingħata bidu għall-proċess imsemmi.

## 8 <u>Ħatra ta' membri fi ħdan is-Sotto-Kumitat għall-Infurzar tal-Liġi</u>

8.1 Is-Sur Angelo Micallef ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali lista ta' membri sabiex jiġu approvati ħalli jiffurmaw parti mis-Sotto-Kumitat għall-infurzar tal-liġi. A.M. qal illi hekk kif deċiż mll-istess Kunsill Lokali dan is-Sotto-Kumitat kien jara lilu bħala Chairman filwaqt li s-Sindku kien qiegħed jiġi propost li wkoll jifforma parti minn dan is-sotto-kumitat. Minbarra dan l-ittra, li hija annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti, kienet qiegħda tipproponi numru ta' individwi bħala membri. Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'votazzjoni ta' erba' favur u wiehed kontra il-Kunsill approva l-lista hekk kif proposta.

## 9 <u>Suq fil-beraħ f'Xatt is-Sajjieda</u>

9.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex tinżamm laqgħa bejn l-istess Kunsill Lokali u l-Assoċjazzjoni bejjiegħa tal-Monti rrappreżentata mis-Sur Mark Żammit.

E.M. żied illi huwa kien ta’ l-opinjoni illi l-Kunsill iżomm laqgħa ma’ l-assoċjazzjoni msemmija wara li jkun ħejja pjan ta’ x’kien jixtieq il-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan is-Sur E.M. kien ipprepara pjanta illi kienet tindika fejn u kif setgħu jitpoġġew il-posti. Wara li ġiet diskussa l-pjanta li kienet tinkludi 163 posta, kien hemm diskussjonijiet fost l-oħrajn dwar x’seta’ jsir sabiex jiżdiedu xi ftit tal-posti kif ukoll dwar id-daqs tal-posti għall-bejjiegħa li kellhom armar li kien iżgħar mid-daqs stipulat ta’ sitt metri b’żewġ metri u nofs. Finalment kien hemm qbil unanimu illi għandha tinżamm laqgħa mas-Sur Mark Żammit sabiex il-Kunsill Lokal ikollu ideja ta’ x’kienu ser jitolbu l-bejjiegħa li jaoperaw fis-suq fil-beraħ ta’ nhar ta’ Ħadd.

## 10 <u>Affarijiet Oħra</u>

10.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-mejda pjanta li kien għaddielu sid l-istabbiliment Qrolla Kiosk fi Triq il-Wilġa. Huwa spjega kif wara li l-Kunsill kien informa lis-Sur Debono (Sid l-istabbiliment) li ma kienx jaqbel ma pjanta li kien ħejja l-istess sur Debono preċedentament rigward żvilupp fl-istabbiliment imsemmi, kienu saru xi modifiki u kienet ġiet ippreżentata pjanta ġdida. Wara li ġiet evalwata l-pjanta fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Edric Micallef u li għaddiet b’mod unanimu, il-Kunsill qabel illi ma għandu jsib ebda oġġezzjoni għall-iżvilupp imsemmi kemm il-darba ikun konformi mal-pjanta diskussa.

10.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ġie avviċinat mis-sezzjoni subien tas-Soċjeta’ M.U.S.E.U.M. illi kienet talbet l-għeluq ta’ Triq San Ġużepp waqt il-ħinijiet tad-dutrina u cioe’ kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ġimgħa bejn 5:15p.m. u 6.45p.m. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b’mod unanimu, kien hemm qbil illi kellha issir talba lil Transport Malta sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi tingħalaq Triq San Ġużepp fil-ħinijiet miltuba.

10.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi kienet avviċinatu is-Sa. Analise Falzon minn Nature Trust Malta rigward attivita’ ta’ tindif li kienet ser issir ġewwa Delimara nhar is-Sibt 29 ta’ Settembru 2012. Is-Sa. Falzon talbet lill-Kunsill Lokali jipprovdi skips u ingwanti għall-partecipanti. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni ta’ E.M. issekondata minn A.M. u li għaddiet b’mod unanimu il-Kunsill qabel li għandu jilqa’ it-talba tas-Sa. Falzon. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kull min xtaq seta’ jipparteċipa f’din l-attivita’

10.4 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ li l-Kunsill Lokali isolvi problema ta’ traffiku li kienu qiegħdin joħolqu l-*open top buses* ġewwa Xatt is-Sajjieda. Kien hemm qbil illi għandha tinżamm laqgħa mas-Sur Kevin Zahra u mas-Sur Vincent Micallef Pule’ minn Transport Malta sabiex jiġi riżolt dan l-inkonvenjent.

10.5 Is-sur Steven Grech qal illi huwa kient tal-fehma illi tintbagħat ittra lill-Kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd. sabiex iwaħħlu xi dawl dekorattiv għal żmien il-Milied ġewwa żewġ *roundabouts* fil-lokalita’. Kien hemm qbil unanimu illi s-suġġeriment tas-Sur Grech għandu jintlaqa’ u kellha tintbagħat ittra lill-kumpanija msemmija.

10.6 Is-Sur Steven Grech qal li xtaq jiċċara l-pożizzjoni tiegħu dwar permess għall-tombla fi Pjazza Madonna ta’ Pompei li kien inħareġ mill-amministrazzjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsilliera u li għalih huwa kien oġġezzjoni. S.G. qal illi xtaq jispeċifika illi huwa kien oġġezzjona għall-permes ikkonċernat peress illi min kien talab il-permess kellu sit fejn seta’ itella’ it-tombla mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent. Is-Sur Carmelo Bugeja qal li huwa kien oġġezzjona għal din it-talba għaliex fl-opinjoni tiegħu permezz ta’ l-attivita’ kien ser jinħoloq preċedent u kull min jitlob permess għal attivita’ fil-pjazza msemmija kien ser ikollu jingħata permess.

10.7 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu l-amministrazzjoni tal-Kunsill ma kenitx qiegħda tleħħaq tajjeb mal-kwantita' ta' xogħol illi kellha. Huwa rrimarka kif apparti illi matul is-snin ix-xogħol fuq l-amministrazzjoni kien żdied konsiderevolment, fl-opinjoni tiegħu hekk kif tidħol fis-seħħ bye-law dwar attivitajiet fil-beraħ kien ser ikompli jiżdied il-piż fuq l-amministrazzjoni. Kien hemm diskussjoni libera li matulha ġew diskussi fost l-oħrajn il-volum ta' xogħol li kellu s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll metodi ta' kif setgħet tittafa' il-problema tal-volum ta' xogħol fuq l-amministrazzjoni. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ illi l-Kunsill Lokali jimpjega persuna oħra sabiex ix-xogħol ikun jista' jitqassam aħjar u tiżdied l-effiċjenza ta' l-amministrazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt illi qabel illi l-volum ta' xogħol fuq l-amministrazzjoni kien dejjem jiżdied informa lill-Kunsill Lokali illi l-liġi tippermetti lil kull Kunsill Lokali impjegat għal kull 2500 resident u li kemm il-darba Kunsill Lokali jagħżel illi jimpjega persuni oħra kien jinħtieġ illi jikseb l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) qabel jingħat abidu għall-proċess ta' għażla.

Is-Sur Angelo Micallef filwaqt li qabel ma dak li kien intqal ressaq proposta sabiex issir talba lid-DLG ħalli il-Kunsill ikun jista' jimpjega skrivan/a fuq bażi *full-time* fi Skala 15. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu.

10.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali stima li l-Kunsill kien irċieva sabiex jiċċaqlaq bus stop fi Triq tas-Silġ u jsir bus-stop ġdid fi Triq Bir Rikka fuq talba ta' l-istess Kunsill Lokali. L-istima kienet tammonta għal €935.50. Wara diskussjoni qasira bi qbil unanimu il-Kunsill approva illi ma jidħolx għall-ispiża msemmija.

10.9 Is-Sur Carmelo Bugeja u s-Sur Steven Grech qalu illi fl-opinjoni tagħhom kien ikun għaqli illi Triq tas-Silġ ma tibqax miftuħa għat-traffiku *two-ways* iżda ssir one-way. Huma żiedu illi min ikun nieċel lejn iċ-ċentru ta' Marsaxlokk seta' faċilment jgħaddi minn Triq Bir Rikka. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, ssekondata mis-Sur Edric Micallef u li għaddiet b'votazzjoni ta' erba' favur u astensjoni waħda kien hemm qbil illi għandha tintbagħat e-mail lil Transport Malta sabiex issir talba ħalli Triq tas-Silġ issir *one-way*.

10.10 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ illi jingħata bidu għax-xogħolijet li kien hemm ippjanat isiru biswit l-istabbiliment 'Is-Sajjied'. Huwa żied illi l-Kunsill kien qiegħed jippjana illi jagħmel ħawt bix-xtieli mal-fencing tal-faċilita' tal-*hard standing* . Sabiex dan iseħħ pero' kien jinħieġ illi jitneħħew karrijiet u dgħajjes li kienu qiegħdin jokkupaw is-sit. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi kellha titwaħħal tabella li tagħti ċans lis-sidien tad-dgħajjes u karrijiet sabiex ineħħuhom. Kemm il-darba dan ma jseħħx il-Kunsill Lokali kellu jqabbad kuntrattur sabiex ineħħihom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali qabel illi għandhom jitwaħħlu bollards fl-istess żona bil-għan illi parti mill-kosta quddiem l-istess stabbiliment tingħalaq għat-traffiku.

10.11 Is-Edric Micallef qal illi nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012 kien ser ikun hemm purċissjoni f'Xatt is-Sajjieda relatata mal-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Huwa żied li fil-fehma tiegħu, hekk kif ġara fil-passat, il-Kunsill kellu javża lill-ebjjiegħa tas-Suq fil-beraħ sabiex iżarmaw qabel 2:00p.m. sabiex ikun jista' jsir it-tindif tax-Xatt qabel il-purċissjoni. E.M. qal illi s-sidien ta' l-istabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda kellhom ikunu avżati sabiex ineħħu l-iskips. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali għandu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Micallef u li kellha tiġi avżata l-pulizija sabiex tara illi d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Lokali jiġi implimentati.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġie aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 t'Ottubru 2012.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**